MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Numru. 66/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Wilfred Casmilleri bin Peter Paul u Jane nee' Azzopardi,
imwieled fl-1 ta' Marzu, 1958 u residenti Tal-Kokka, Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 11458(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Wilfred Camilleri li gie akkuzat talli matul ix-xahar ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2009 fi Sqaq Dun Karm Caruana, Nadur, Ghawdex, installa apparat ta' CCTV b'mod li bih ta fastidju lill-konjugi Cassar:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi ma ngiebet l-ebda prova illi xi cameras nstallati mill-imputat kienu qed jigbdu l-entrata tal-proprjeta' tal-konjugi Cassar b'tali mod illi setghu joholqu xi fastidju. Illi kemm mill-affidavit tal-Pulizija kif ukoll mid-dokument 'WC 2' jidher illi l-cameras juru stampa mcajpra tal-isqaq;

Ghaldaqstant l-akkuza ma tirrizultax ippruvata u l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza;

Madanakollu l-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-imputat illi jekk huwa behsiebu jinstalla sistema ta' CCTV fil-proprjeta' tieghu, ghandu jindika dawn b'sinjali sabiex il-pubbliku in generali jkun avzat bil-prezenza tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------